IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 15.2.2022
SWD(2022) 31 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi l-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura għall-perjodu 2023-2027

{COM(2022) 57 final} - {SEC(2022) 77 final} - {SWD(2022) 30 final}

Valutazzjoni tal-impatt tal-proposta dwar il-bini ta' sistema tal-UE ta' komunikazzjoni sigura globali bbażata fl-ispazju

A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni

Għaliex? X'inhi l-problema li qed tiġi indirizzata?

Il-megatendenzi tal-iperkonnettività diġitali u tat-trasformazzjoni teknoloġika jwasslu għal żieda bla preċedent fid-domanda għal servizzi li jiddependu fuq it-teknoloġiji mill-aktar avvanzati, li jtejbu s-sikurezza, is-sigurtà u r-reżiljenza. Is-sistema internazzjonali li qed tevolvi malajr tagħmel il-konnettività globali bis-satellita assi strateġiku għas-sigurtà u għas-sikurezza. Fil-livell tal-UE, il-ħtiġijiet governattivi ta' komunikazzjoni bis-satellita qed jiżdiedu b'mod kwantitattiv u qed jevolvu b'mod kwalitattiv, u qed jersqu lejn soluzzjonijiet ta' sigurtà ogħla, latenza baxxa u wisa' tal-banda ogħla. Għalhekk il-problema ewlenija hija spariġġ bejn dawn il-ħtiġijiet governattivi li qed jevolvu malajr u n-nuqqas ta' soluzzjonijiet disponibbli tal-UE (kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak Ewropew) f'servizzi ta' komunikazzjoni bis-satellita (satcom) siguri, affidabbli u diversi, b'mod partikolari bis-saħħa tat-teknoloġija mill-aktar avvanzata tal-orbiti dinjija Medji u Baxxi. L-ixprunaturi ewlenin jinkludu ż-żieda fil-livell tat-theddid ibridu u ċibernetiku, in-natura dejjem tevolvi tal-ħtiġijiet ta' satcom governattivi siguri lejn latenza baxxa u kopertura globali kif ukoll in-nuqqas ta' kapaċità tal-assi spazjali li jistgħu jappoġġaw il-ħtiġijiet li qed jevolvu. L-atturi governattivi tal-Istati Membri huma l-aktar affettwati b'impatt fuq is-sigurtà u s-sikurezza taċ-ċittadini kollha tal-UE. Barra minn hekk, l-ispazju Ewropew (inkluż Spazju Ġdid) u l-kompetittività tal-industrija diġitali huma affettwati direttament ukoll. Fuq skala usa', din il-problema tista' taffettwa l-kredibbiltà tal-UE u tal-Istati Membri tagħha bħala attur tas-sigurtà fix-xena globali.

X'mistennija tikseb din l-inizjattiva?

L-objettiv ġenerali huwa li jiġu salvagwardjati s-sovranità u s-sigurtà tal-UE billi tiżdied il-provvista ta' soluzzjonijiet satcom reżiljenti, globali, garantiti u flessibbli mibnija fuq bażi teknoloġika u industrijali tal-UE. Abbażi tal-GOVSATCOM u l-EUROQCI tal-UE u approċċ strett ibbażat fuq is-servizzi, l-inizjattiva proposta se tkun tista' telimina diversi lakuni fil-kapaċità prinċipalment għall-utenti governattivi, billi tipprovdi soluzzjonijiet ta' sigurtà ogħla, latenza baxxa u wisa' tal-banda ogħla. Għal dan l-għan il-latenza baxxa u l-wisa' tal-banda ogħla se jintlaħqu bl-iskjerament ta' assi multi-orbitali (LEO u MEO flimkien mal-GEO eżistenti); u sigurtà msaħħa permezz tal-kriptografija kwantistika (EUROQCI). Id-disinn tas-sistema flimkien ma' żvilupp u skjerament inkrimentali jistgħu jibdew mill-2023. L-iskjerament tal-ewwel satelliti ġodda u l-użu tal-kapaċità eżistenti tas-satcom jippermettu l-provvista ta' servizzi inizjali u test fl-orbita tal-kriptografija kwantistika sal-2024-2025. L-iskjerament sħiħ tal-kostellazzjoni spazjali bil-kriptografija kwantistika integrata jippermetti kapaċità operattiva sħiħa sal-2027.

X'inhu l-valur miżjud tal-azzjoni fil-livell tal-UE?

L-objettivi tal-inizjattiva proposta ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom peress li l-iskala u d-dimensjoni globali tal-ħtiġijiet li qed jevolvu u l-kostijiet relatati jistgħu jiġu indirizzati biss fil-livell tal-UE. L-azzjoni u l-koordinazzjoni fil-livell tal-UE jevitaw id-duplikazzjoni tal-isforzi fl-Unjoni u l-Istati Membri kollha, u jżidu s-sinerġiji bejn il-kapaċità eżistenti u futura kif ukoll bejn il-komunitajiet ċivili, spazjali u tas-sigurtà. Iwasslu għal sfruttament aħjar tal-assi eżistenti u għalhekk għal ekonomiji ta' skala, sigurtà u reżiljenza akbar, b'mod partikolari permezz tal-kriptografija kwantistika, kopertura ġeografika u mingħajr interruzzjoni aħjar, u għal provvista ta' firxa akbar ta' servizzi flessibbli. Iċ-ċittadini Ewropej kollha jibbenefikaw direttament bl-istess mod mill-effettività operattiva msaħħa tal-inizjattiva.

B. Soluzzjonijiet

X'għażliet ta' politika leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi ġew ikkunsidrati? Hemm għażla ppreferuta jew le? Għaliex?

Biex tiġi eliminata l-lakuna fil-kapaċità fil-provvista tas-servizzi governattivi meħtieġa, ġew ikkunsidrati l-għażliet ta' politika li ġejjin biex jintlaħaq l-objettivi bl-aktar mod effettiv u effiċjenti: L-ewwel nett ġie kkunsidrat jekk l-UE setgħetx tixtri dawn is-servizzi akkreditati siguri minn soluzzjonijiet stabbiliti mis-settur pubbliku jew privat, li bħalissa huma limitati għal fornituri tas-suq barranin (**Għażla 3 – kostellazzjoni mhux tal-UE**). Għalkemm is-suq tas-satcom tal-UE diġà huwa żviluppat sew, bħalissa ma hemm l-ebda fornitur tal-UE li jista' jaqdi l-ħtiġijiet governattivi kollha li qed jiżdiedu u jevolvu. Minn perspettiva ta' sigurtà u awtonomija strateġika, ix-xiri tas-servizzi minn sorsi privati mhux tal-UE mhuwiex preferut. Għalhekk, jeħtieġ li l-UE taġixxi biex tiżgura l-provvista ta' dawn is-servizzi billi tiffinanzja bis-sħiħ u takkwista s-sistema tagħha stess (**Għażla 1 – kompletament pubblika**) jew

billi tistabbilixxi sħubija pubblika-privata (**Għażla 2 – fil-forma ta' konċessjoni**). L-aħħar għażla ġiet ikkunsidrata bħala l-għażla ppreferuta, li ssib il-bilanċ it-tajjeb bejn il-ħtiġijiet ta' sigurtà u affidabbiltà tal-Istati Membri tal-UE u l-piż finanzjarju relatat mal-iskjerament u t-tħaddim tas-sistema. Din l-għażla tippermetti wkoll lis-sieħeb privat jiskjera elementi ta' infrastruttura addizzjonali biex jipprovdi servizzi kummerċjali.

Liema għażla u min jappoġġaha?

L-eżitu tal-konsultazzjoni pubblika u l-konsultazzjonijiet immirati addizzjonali wrew dan li ġej:

- Diversi partijiet ikkonċernati tal-Istati Membri pprovdew feedback pożittiv dwar l-għażla ta' sħubija pubblika-privata, li tibni fuq l-integrazzjoni tal-kapaċità eżistenti tal-GOVSATCOM tal-UE kif ukoll indikazzjonijiet ta' impenji nazzjonali lejn l-iżvilupp ta' kapaċità satcom addizzjonali.
- Il-partijiet ikkonċernati industrijali, kemm l-industrija stabbilita sew kif ukoll l-ekosistema Spazju Ġdid, iffavorixxew il-mudell ta' sħubija pubblika-privata, fid-dawl tal-possibbiltà li jipprovdu servizzi kummerċjali addizzjonali u li jinvestu kif xieraq.
- L-operaturi tal-kostellazzjoni mhux tal-UE appoġġaw l-għażla 3, fejn l-Unjoni takkwista servizzi mis-sistemi tagħhom.

C. Impatti tal-għażla ppreferuta

X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?

L-għażla ppreferuta tippermetti lill-UE tikseb sistema ta' konnettività sigura bbażata fl-ispazju b'kost aktar baxx, peress li l-Unjoni taqsam id-disinn, l-iżvilupp u l-iskjerament mal-operatur privat. L-involviment tas-settur privat joħloq benefiċċji addizzjonali; il-kompetizzjoni matul il-proċess ta' konċessjoni tippermetti soluzzjonijiet innovattivi u ssaħħaħ il-kompetittività tal-industrija tal-UE. Barra minn hekk, il-konċessjonarju/i jisfrutta/jisfruttaw is-sistema għal servizzi kummerċjali, u b'hekk jinħolqu benefiċċji addizzjonali għas-settur downstream. L-iżvilupp ta' sistema ġdid jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-ekonomija industrijali tal-UE (kemm għall-atturi privati upstream kif ukoll downstream); bil-ħolqien ta' impjiegi ġodda u ż-żieda tal-valur miżjud gross (GVA) tal-industrija spazjali Ewropea. Iċ-ċittadini jibbenefikaw mill-vantaġġi teknoloġiċi u l-affidabbiltà tas-satcom. L-impronta soċjali tas-servizzi satcom tista' tmur lil hinn mill-kuntesti governattivi stretti u tippermetti l-ksur tad-distakk diġitali billi tipprovdi broadband liż-żoni mhux konnessi.

X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?

Ordni ta' kobor approssimattiv tal-kost totali tal-infrastruttura huwa ta' EUR 6 biljuni. Taħlit ta' fondi fil-forma ta' sħubija pubblika-privata (SPP) jista' jiġi strutturat kif ġej: EUR 4 biljuni mis-settur pubbliku (l-UE u l-Istati Membri) u EUR 2 biljuni mis-settur privat.

Kif se jintlaqtu n-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi?

L-industrija spazjali (inkluż Spazju Ġdid): trawwem l-innovazzjoni fit-teknoloġiji spazjali upstream, fil-lanċjaturi, u fl-applikazzjonijiet downstream li jippermettulhom iżidu l-kompetittività globali tagħhom. L-industrija diġitali: l-isfruttament ta' tali sistema jippermetti lill-operaturi tat-telekomunikazzjoni jibbenefikaw minn kapaċità akbar u minn servizzi affidabbli u siguri. Barra minn hekk, id-dimensjoni kummerċjali tippermetti li s-servizzi kummerċjali jaslu għand aktar klijenti fl-UE kollha kemm hi. In-negozji l-oħra kollha jibbenefikaw mill-konnettività sigura u affidabbli, li tippermettilhom jipprovdu servizzi ġodda u li jkunu inqas vulnerabbli għat-theddid ċibernetiku u għat-tfixkil fis-servizz.

Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?

Fl-għażla ppreferuta, mhu se jkun hemm l-ebda impatt sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali. L-utenti governattivi se jkollhom jadattaw it-tagħmir tagħhom biex jibbenefikaw mis-servizz. Madankollu, dan ma jinvolvix investiment sinifikanti.

Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?

L-għażla ppreferuta jkollha impatt pożittiv fuq il-kompetittività globali tal-industrija spazjali Ewropea, b'mod partikolari fil-qasam tal-operazzjonijiet tal-kostellazzjoni multi-orbitali u multi-satellitari. Barra minn hekk, l-UE, permezz ta' kontroll fuq is-sistema taħt l-għażla ppreferuta, tiżgura li din titfassal u titħaddem b'mod sostenibbli, u f'konformità mal-istandards eżistenti dwar il-protezzjoni tal-ambjent spazjali.

D. Segwitu

Meta se tiġi rieżaminata l-politika?

Is-sistema tiġi evalwata kull erba' snin abbażi ta' indikatur ewlieni tal-prestazzjoni dedikat rilevanti għall-kapaċità

tagħha li tipprovdi għal lakuni ta' kapaċità identifikati tal-ħtiġijiet tal-utenti governattivi, tal-aċċess garantit u mingħajr interruzzjoni għal soluzzjonijiet ta' satcom siguri u tal-livell xieraq ta' nondipendenza ta' pajjiżi terzi.